

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tad-9 ta' Diċembru 2010 — Schuerings vs Fondation européenne pour la formation (ETF)

(Kawża F-87/08) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Persunal tal-Fondation européenne pour la Formation — Membru tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien indeterminat — Tkeċċija — Rekwiżit ta’ motiv validu — Tneħħija tal-post vakanti — Dmir ta’ premura — Assenazzjoni mill-ġdid”)

(2011/C 30/110)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Gisela Schuerings (Nice, Franza) (rappreżentanti: N. Lhoest u L. Delhaye, avukati)

Konvenuta: Fondation européenne pour la formation (ETF) (rappreżentanti: T. Ciccarone, aġġent, assistit minn L. Levi, avukat)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tkeċċi lir-rikorrenti, kif ukoll li l-Fondation européenne tiġi kkundannata tħallas kumpens għad-danni materjali u morali subiti mir-rikorrenti.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tat-tkeċċija ta’ G. Schuerings, tat-23 ta’ Ottubru 2007, hija annullata.*
- (2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- (3) *Il-Fondation européenne pour la formation (ETF) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 327, 20.12.2008, p. 43.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tad-9 ta’ Diċembru 2010 — Monique Vandeuken vs Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)

(Kawża F-88/08) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ — Membru tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien indeterminat — Tkeċċija — Rekwiżit ta’ raġuni valida — Kanċellament tal-pożizzjoni — Dmir ta’ premura — Assenazzjoni mill-ġdid)

(2011/C 30/111)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Monique Vandeuken (Pino Torinese, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment N. Lhoest, avukat, sussegwentement N. Lhoest u L. Delhaye, avukati)

Konvenuta: Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) (rappreżentanti: T. Ciccarone, aġġent, assistit minn L. Levi, avukat)

Suġġett

Servizz pubbliku — L-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tkeċċi lir-rikorrenti, kif ukoll li l-Fondazzjoni Ewropea tiġi kkundannata tħallas id-dannu materjali u morali subiti mir-rikorrenti.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni ta’ tkeċċija ta’ M. Vandeuken, tat-23 ta’ Ottubru 2007, hija annullata.*
- (2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- (3) *Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 327, 20.12.2008, p. 44.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-28 ta’ Ottubru 2010 — Fares vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-6/09) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Klassifikazzjoni fi grad — Teħid inkunsiderazzjoni tal-esperienza professjonal)

(2011/C 30/112)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Soukaïna Fares (Brussel, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġġenti)

Suġġett

It-talba għal annullament tad-deċiżjoni ta’ klassifikazzjoni tar-rikorrenti fil-grupp tal-funzjoni III, grad 8.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li biha S. Fares ġiet ikklas-sifikata fil-grad 8 tal-grupp tal-funzjoni III tal-membri tal-persunal bil-kuntratt, kif din id-deċiżjoni tirriżulta mill-kuntratt ta’ membru tal-persunal bil-kuntratt ta’ S. Fares tat-28 ta’ Marzu 2008, hija annullata.*
- (2) *Il-Kummissjoni għandha tbat i-l-ispejjeż kollha.*

⁽¹⁾ ĠU C 69, 21.03.2009, p. 54.